Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 153/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Miruzzi)**
**Vs**
**Ronald Tonna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Novembru, 2009, ghall-habta ta' 14.40 hrs u fil-granet ta' qabel din id-data, gewwa Canon Road, Santa Venera, bhala sid ta' "Tonna Auto Dealer", wera ghall-bejgh, ghat-tiswija jew inkella hasel f'xi parti mit-triq, vetturi huma x'inhuma t-tip ta' vetturi, kummercjali jew le, godda jew uzati jew esponihom f'post pubbliku ghal hsieb li jkunu esposti ghal bejgh immarkati bil-kliem "ghall-bejgh" jew kull kliem iehor li jindikaw l-intenzjoni indikata hawn qabel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Marzu, 2010, li biha,

wara li rat l-Avviz Legali 1 tal-2006, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal mitejn Euro (€200) multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellant instab hati li kiser l-Avviz Legali Numru 1 tas-sena 2006 u b'mod partikolari li kiser il-kundizzjoni tal-permess tieghu ghaliex kiser (skond l-akkuza) it-Tieni Skeda li tipprovdi dwar il-kundizzjonijiet sabiex issir attivita' kummercjali taht ir-Regolament 13 u cioe' aktar precizament li "l-ebda vettura, tkun ta xi tkun tip, kummercjali jew le, gdida jew uzata ma tista' tkun ipparkjata f'post pubbliku ghal hsaieb li tkun esposta ghall-bejgh tal-vettura, immarkata bil-kliem "ghall-bejgh" jew kull kliem li jindikaw tali intenzjoni – ndikata hawn qabel".

Illi pero' kif diga' rilevat, l-appellant kien u ghadu debitament licenzjat u l-licenzja tieghu bl-ebda mod qatt impedietu li jista' jesponi l-vetturi li jkunu ghal bejgh fix-showroom tieghu f'dik il-parti tal-bakina li tinstab quddiem l-istess showroom.  Anzi huwa awtorizzat li jaghmel dan. Ghalhekk l-appellant ghandu vested right li ma jistax jigi mnehhi lilu u dana aktar u aktar meta tali permess qatt ma gie lilu modifikat jew wisq anqas revokat.

Illi di piu l-vetturi in kwistjoni ma kellhom l-ebda impatt fuq it-traffiku u dana stante li kienu pparkaggati f'area li hija proprju intiza sabiex fiha jsir il-parkegg tal-vetturi.  Ma hemm xejn fil-licenzja ta' l-appellant u qatt ma kien hemm kundizzjoni li tipprojbixxi dan.

Illi f'dan il-kuntest kollu – u jidher tant bic-car li l-legislatur ma ried jilledi xi vested rights – huwa rilevanti r-Regolament 13[4] tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 (appuntu l-Avviz Legali 1 tas-sena 2006). Dan ir-regolament espressament jipprovdi li :
*"minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan ir-regolament, u bla hsara ghas-subregolament (5), meta tinhareg licenzja taht l-Att dwar il-Licenzji tal-Pulizija qabel id-dhul fis-sehh ta' dan ir-regolament, il-kondizzjonijiet tal-licenzja relattivi ghal dik il-licenzja ghandhom jibqghu japplikaw dwar dik il-licenzja, kemm il-darba d-detentur ta' licenzja ma jaghzilx, b'applikazzjoni li ssir fuq il-formola adatta lis-Sezzjoni Licenzji tal-Kummerc, li jkollu l-licenzja tieghu mahruga b'riferenza ghall-kategoriji u tipi skond ma hemm imsemmi fis-subregolament (2)".*

Ir-Regolament 13(5) imbaghad jistabilixxi illi :
*"meta l-ghazla ma tkunx giet esercitata kif hawn qabel imsemmi dwar xi licenzja, m'ghandu jithalla jsir ebda tibdil, zjieda jew xi emenda ohra f'dik il-licenzja w il-licenzja ma tistax tigi trasferita lil ebda persuna ohra".*

Issa fil-kaz odjern huwa pacifiku li l-appellant kellu l-licenzja qabel ma dahal fis-sehh l-Avviz Legali 1 ta' l-2006, kif ukoll li ma ghazilx li jbiddel xi kundizzjonijiet fil-licenzja tieghu. Huwa wkoll pacifiku li l-appellant kien u ghadu awtorizzat mill-licenzja tieghu li johrog il-vetturi tieghu mix-showroom u pparkegghom fuq il-post pubbliku in kwistjoni.

Illi l-appellant a sostenn ta' l-argumentazzjonijiet tieghu, jaghmel ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. S. Galea) vs Carmelo sive Charles Sammut" fejn din il-Qorti [diversament preseduta] proprju ghaliex ma kienx hemm kundizzjoni fil-licenzja li tipprojbixxi li jithallew barra fit-triq karozzi li jkunu ghal bejgh, konsegwentement allura ma sabitx lill-imputat hati.

Illi ghalhekk fl-umli opinjoni ta' l-appellant, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issibu hati li kien b'xi mod kiser l-imsemmi Avviz Legali u dana ghaliex l-appellant kien fi

kwalunkwe kaz awtorizzat skond il-ligi li juza dik il-parti tal-bankina quddiem ix-showroom tieghu u dana skond il-permess tieghu li ghadu in vigore u validu sal-lum. Di piu` l-prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma gabet prova li l-appellant kiser il-kundizzjonijiet tal-permess tieghu.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant ghandu negozju tal-bejgh u xiri ta' karozzi permess illi jirrizali sa mill-inqas 1993.

Fid-19 ta' Novembru 2009 ghall-habta ta' 14.40 hours l-appellant hareg karozzi ghall-bejgh u pparkjhom fuq il-bankina kontra d-dispost tal-Avviz Legali numru 1/2006. Ir-regolament 13 tal-Avviz Legali jghid *"l-ebda vettura, tkun ta' xi tkun tip, kummercjali jew le, gdida jew uzata, ma tista` tkun ipparkjata f'post pubbliku ghal hsieb li tkun esposta ghall-bejgh tal-vettura, immarkata bil-kliem ghall-bejgh jew kull kliem li jindikaw tali intenzjoni – indikata hawn qabel."*

L-appellant qed jghid illi l-permess li kien jirrizali qabel il-hrug tal-Avviz Legali fuq imsemmi kien jintitolah illi jipparkja l-karozzi fuq il-bankina u ghalhekk tali Avviz Legali ma kellhix tolqot lilu u kkwota favur tieghu l-kawza "Il-Pulizija vs Carmelo sive Charles Sammut" li nghatat fil-11 ta' Ottubru 1999.

Ikkunsidrat :

Jigi rilevat l-ewwelnett illi s-sentenza fuq imsemmija nghatat qabel il-hrug tal-Avviz Legali numru 1/2006, kwindi m'ghandhix tapplika ghal dan il-kaz. L-Avviz Legali huwa car u ma jhalli l-ebda lok ghal interpretazzjoni. L-ebda vettura ma tista` tkun ipparkjata f'post pubbliku ghal skop ta' bejgh.

Sfortunatament hija prassi komuni fost id-"dealers" tal-karozzi illi meta ma jkollhomx spazju bizzejjed fil-"garage" jew "showroom" taghhom jipparkjaw il-karozza fit-triq, jesponuhom ghall-bejgh, jhalluhom il-gurnata kollha pparkjati hemmhekk biex jikkapparaw l-ispazju b'detriment

ghall-utenti l-ohra tat-triq. Dan l-agir m’ghandhux jitkompla u bl-introduzzjoni tal-Avviz Legali 1/2006 din l-attivita` issa saret illegali, dana independentement minn kwalunkwe permess illi d-“dealer” seta` kellu qabel il-hrug tal-Avviz Legali.

F’dan il-kaz partikolari terga` l-appellant qatt ma esebixxa f’dawn l-atti l-peremss tieghu, kwindi din il-Qorti ma tistax tkun taf x’permess kellu u sa fejn seta` jew ma setax johrog il-karozzi u jesponihom ghall-bejgh fuq il-bankini.

Hi x’inhi, u jghid x’jghid il-permess illum dina s-sitwazzjoni hija rrilevanti l-ghaliex giet res illegali bl-Avviz Legali fuq imsemmi, illi hija ligi fis-sehh illi ghandha tigi osservata mid-“dealers” kollha f’dan il-pajjiz, inkluz l-appellant.

La l-kontravenzjoni tirrizali wara l-hrug tal-Avviz Legali kwindi l-appellant qieghed fi ksur tal-ligi u ta’ dan ghandu jwiegeb.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti kellha ragun u legalment setghet tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------